# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 516/18/1 MH**

**MPM Capital Investments Limited (C-46783)**

**v.**

**Alfred Anton Zarifa u Olena Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa**

1. Il-konvenuti appellaw minn digriet li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-15 ta' Ottubru 2021 li bih ċaħdet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu lil Paul Bonello bħala xhud *ex parte*, għalkemm ma jissemmiex fil-lista tax-xhieda.

2. Fil-kawża l-attriċi qiegħda tippretendi li l-konvenuti, klijenti tagħha li tathom servizz ta' investiment b'depożitu ta' flus għall-akkwist ta' *inter alia*

*bonds*, huma debituri tagħha għaliex tallega li ġibdu flus ferm iktar milli kienu investew. Il-konvenuti kkontestaw il-pretensjoni tal-attriċi. L-Ewwel Qorti kienet tat żmien lill-partijiet biex jagħtu isem ta' persuna biex tinħatar bħala perit komputist. Il-konvenuti ppreżentaw rikors (14 ta' Marzu 2019) u talbu li jinħatar Paul Bonello. L-attriċi oġġezzjonat peress li ssostni li Paul Bonello hu kompetitur tagħha, filwaqt li fil-passat Melvyn Mangion kien impjegat tiegħu. Sussegwentement, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 il-Qorti ħatret lil Dr. Renald Micallef bħala perit komputist bl-inkarigu jkun:

> *"..... sabiex wara li jieħu konjizzjoni tat-talbiet u eċċezzjonijiet u jisma' l-provi mressqa u jirċievi dokumenti mingħand il-partijiet, jirrelata biss sa fejn jirrigwarda l-investimenti msemmija mill-istess partijiet".*

3. Kien b'rikors tad-19 ta' Frar 2021 li bih il-konvenuti talbu li Paul Bonello jitressaq bħala xhud. Spjegaw li dik il-persuna hi espert fis-settur finanzjarju, u li kienu inkarigawh biex jassistihom fl-eżami ta' dokumentazzjoni voluminuża li ppreżentat l-attriċi fir-rigward ta' investiment f'ishma u titoli, u in konnessjoni mal-amministrazzjoni tal-flus u investiment tal-konvenuti. Komplew li Paul Bonello sab nuqqasijiet u irregolaritajiet, u li huma importanti għad-difiża tal-konvenuti.

4. Fil-25 ta' Marzu 2021 wieġbet l-attriċi u opponiet għat-talba *inter alia* għaliex id-dokumenti kienu diġà fil-pussess tal-konvenuti għaliex kienu ġew preżentati fl-atti tal-mandati kawtelatorji li nħarġu qabel fetħet il-kawża. Argumentat ukoll li jekk tintlaqa' t-talba, ser tinġieb fix-xejn il-

ħatra tal-Perit komputist Dr. Renald Micallef u anzi ser jiġi mfixkel fl-inkarigu li ngħata mill-qorti.

5. Fil-15 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tat id-digriet li bih ċaħdet it-talba sabiex il-konvenuti jressqu lil Paul Bonello bħala xhud. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti rraġunat:

> *"Illi frankament il-konvenut Zarifa la ma daħalx mill-bieb fin-nomina ta' Paul Bonello se jipprova jidħol mit-tieqa.*
>
> *Ġia kellna oġġezzjoni għall-istess minħabba raġunijiet esposti. Imma oltre għal dawn l-oġġezzjonijiet, issib għal kollox fjakk ir-raġunijiet imressqa mill-konvenut biex jiġġustifika l-mankanza ta' dan l-ekonomista jew oħrajn mil-lista tax-xhieda tiegħu ben konsapevoli tan-natura tax-xogħol fil-kamp finanzjarju li tagħmel l-attriċi, it-talbiet avvanzati mill-istess lejn il-konvenut, u oltre hekk il-fatt li kif ingħad dawn id-dokumenti (jew minnhom) kienu ġia esposti u a konnoxxenza tiegħu meta sar il-mandat ta' inibizzjoni. Fatt dan mhux negat.*
>
> *Oltre dan kollu, dato non concesso, illi dak allegat minn Zarifa fil-konfront ta' nuqqasijiet u rregolaritajiet fid-dokument jaf mill-veru, il-Qorti għandha espert minnha nominat, bi qbil bejn il-partijiet, biex jikkonstata dan. Il-konvenut jibqgħlu kemm dritt ta' eskussjoni ukoll talba għall-periti perizjuri biex jegħleb kwalunkwe opinjoni esperta in kontradizzjoni mat-teżi tiegħu"*.

6. B'rikors tad-19 ta' Ottubru 2021 il-konvenuti talbu l-permess biex jappellaw minn digriet li qalu li tat l-Ewwel Qorti fil-15 ta' Ottubru 2021 li bih ċaħdet it-talba sabiex jixhed Paul Bonello minkejja li ma ddikjarawhx fil-lista tax-xhieda. B'risposta tal-15 ta' Novembru 2021 l-attriċi oġġezzjonat għat-talba. Mill-atti ma jirriżultax li ngħata digriet u madankollu fil-15 ta' Novembru 2021 il-konvenuti appellaw.

7. Fir-rikors tal-appell il-konvenuti ilmentaw li:

i. Kull ma jridu hu li Paul Bonello jkun xhud bħala espert *ex parte* tagħhom sabiex jixhed dwar dak li kkonstata fir-rigward tal-operat tal-attriċi fil-ġestjoni tal-investiment u flus li ġew fdati lilha. Dan wara eżami tad-dokumenti li ppreżentat l-attriċi.

ii. Paul Bonello ma kienx ser jieħu post il-Perit komputist Dr. Renald Micallef, u kien ser jixhed biss dwar dak li rriżultalu mill-eżami tad-dokumenti li ppreżentat l-attriċi fir-rigward tal-ġestjoni tal-flus u investimenti.

iii. Artikolu 563A tal-Kap. 12 jippermetti xhieda ta' esperti meta jkollhom il-kwalifiki meħtieġa, u Paul Bonello għandu dawk il-kwalifiki meħud inkonsiderazzjoni li serva wkoll ta' espert tal-qorti f'każijiet oħra.

iv. Paul Bonello ma kienx ġie dikjarat bħala xhud għaliex wara l-oġġezzjoni tal-attriċi sabiex jinħatar bħala perit komputist, il-konvenuti ngħataw parir mill-avukat li qiegħed jassistihom sabiex jinkarigawh bħala espert *ex parte* fl-eżami tad-dokumenti li ppreżentat l-attriċi.

v. Paul Bonello, wara li eżamina d-dokumentazzjoni voluminuża li eżebiet l-attriċi, seta' jiddetermina nuqqasijiet u irregolaritajiet li dwarhom irrapporta lill-konvenuti. Hu importanti li tingħata l-

ispjegazzjoni għad-difiża tal-konvenuti u wkoll għall-finijiet tal-kawża 729/2018MH li fiha huma atturi. Dan apparti li l-analiżi li għamel Paul Bonello ma tistax tiġi spjegata mill-konvenuti, u ser ikunu żvantaġġati fid-difiża tagħhom kontra l-pretensjoni attriċi għall-ħlas ta' tliet miljun ewro u fejn tilfu l-investiment li għamlu. Meħud inkonsiderazzjoni n-natura teknika tas-suġġett hu importanti li l-konvenuti jitħallew iressqu bħala xhud lil Paul Bonello, iktar u iktar meta tikkonsidra li l-attriċi kellha l-liċenzja tagħha revokata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta minħabba irregolaritajiet marbuta mal-ġestjoni ta' flus investiti mill-konvenuti.

8. L-attriċi wieġbet fis-7 ta' Diċembru 2022 u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Tat ukoll eċċezzjoni preliminari li l-appell hu null għaliex l-Ewwel Qorti m'awtorizzatx lill-konvenuti biex jappellaw mid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2021.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

9. Effettivament mill-atti jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma tatx digriet dwar ir-rikors tad-19 ta' Ottubru 2021 li bih il-konvenuti talbu l-awtorizazzjoni sabiex jappellaw mid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2021. Fir-rikors tal-appell il-konvenuti stess iddikjaraw li l-Ewwel Qorti ma tatx l-awtorizazzjoni sabiex isir l-appell. Madankollu argumentaw li skont il-ġurisprudenza jekk

l-Ewwel Qorti tibqa' ma tagħtix digriet, l-appell għandu jiġi preżentat fit-terminu li fih għandu jsir appell. Però l-konvenuti ma tawx dettalji tal-ġurisprudenza li għaliha qegħdin jirreferu.

10. Id-digriet li tat l-Ewwel Qorti hu digriet interlokutorju, u japplika l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 peress li mhuwiex wieħed mid-digrieti li jissemmew f'subinċiż (1) u (2). Il-liġi hi ċara li appelli minn digrieti li għalihom japplika subinċiż (3) jistgħu jsiru qabel is-sentenza definittiva, biss bil-permess speċjali tal-qorti li tkun tatu. Il-liġi hi ċara. Fl-atti ma jirriżultax li ngħata dak il-permess. Għaldaqstant l-appell tal-konvenuti hu null.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-attriċi u tiddikjara null l-appell tal-konvenuti u ma tqisux iktar. Spejjeż a karigu tal-konvenuti.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm